# L-ITALJA u L-AWSTRIJA

## Christmas Markets

Mit-12 sas-16 ta' Diċembru 2018

Inżuru **Merano, Bolzano, Brunico, Vipiteno** u **Innsbruck**



Bolzano



Innsbruck



Innsbruck



Bressanone

Hamilton travel

T: 2124 1292 | 4, St Publius Street, Floriana

Follow us on facebook | hamiltontravel_malta | hamiltontravel.com.mt

## L-Erbgħa 12 ta' Diċembru

Niltaqgħu l-ajruport fl-10.30am sabiex fin-12.35pm naqbdu t-titjira tal-Air Malta lejn Milan, Linate fejn mistennija naslu għall-ħabta tas-2.35pm. Bil-kowċ immorru dirett il-lukanda li tinsab fiċ-ċentru ta' **Bressanone – Hotel Traube 3***. Sistemazzjoni tal-kmamar. Illum immorru ħarġa ta' familjarizzazzjoni mat-tour leader fejn inżuru l-Christmas Market ta' Bressanone magħruf għar-rigali tradizzjonali magħmulin bl-idejn.

## Il-Ħamis 13 ta' Diċembru



*Bolzano fi żmien il-Milied*

Breakfast fil-lukanda. L-eskursjoni optional ta' llum se teħodna lejn il-'Christmas Markets' ta' **Merano** u **Bolzano**. F'Merano nsibu madwar 80 esibitur. Apparti l-ikel u x-xorb tradizzjonali f'dan is-suq tal-Milied issibu wkoll prodotti tal-artiġjanat fosthom xemgħat u dekorazzjonijiet oħra tal-Milied. Wara nofsinhar nipprosegwu lejn Bolzano. Is-Suq tal-Milied f'Bolzano huwa wieħed mill-ikbar fl-Italja. L-esibituri f'dan il-'Christmas Market' huma kollha artiġjanat tal-lokal. Fil-fatt l-ikel u prodotti tipiċi oħra jiġu ppreparati dak il-ħin, għalhekk għandkom iċ-ċans li dduqu xi speċjalitajiet tipiċi filwaqt li tixorbu xi ftit 'mulled wine', waqt li tippassiġġaw fi Pjazza, li tkun armata mill-isbaħ għall-okkażjoni.

## Il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru

Breakfast fil-lukanda. L-eskursjoni *optional* tal-lum se teħodna naraw il-Christmas Markets ta' **Brunico** u **Vipiteno**. Fi Brunico nsibu bosta xogħol tal-artiġjanat tal- Milied, dekorazzjoni tas-siġar tal-Milied, ġugarelli tal-injam, ġilda, ħġieġ u prodotti taċ-ċeramika, kif ukoll punch tal-inbid sħun, pasti u platti lokali. Brunico huwa rinomat għall-atmosfera romantika tiegħu. Nipprosegwu lejn il-'Christmas Market' ġewwa Vipiteno li jkun imżejjen bid-dwal. Hawnhekk insibu ġobnijiet, inbejjed u spirti, ħelu tradizzjonali kif ukoll prodotti organiċi.

## Is-Sibt 15 ta' Diċembru

Breakfast fil-lukanda. L-eskursjoni optional ta' llum se teħodna naraw il-belt ta' **Innsbruck**. Faċċata tal-famuż "Golden Roof", jarma l-'Old Town Christmas Market'. Ġewwa Maria-Theresien, it-triq prinċipali għax-shopping, jarma 'Christmas Market' ieħor b'dekorazzjonijiet tal-Milied fuq stil modern. Fit-tielet suq, li jarma ġewwa Marktplatz, insibu 'Carousel' kif ukoll 'Petting Zoo' fost il-ħafna attrazzjonijiet oħra.

## Il-Ħadd 16 ta' Diċembru

Breakfast fil-lukanda. Illum nitilqu minn Bressanone lejn l-ajruport ta' Linate minn fejn fit-3.15pm naqbdu t-titjira lura lejn Malta fejn mistennija naslu fil-5.10pm.



## PREZZ kull persuna

| | | Prezz Speċjali* |
|---|---|---|
| 3 kbar f'kamra | €649 | €549 |
| 2 kbar f'kamra | €659 | €559 |
| Tfal** *(2-11 sena sat-tluq tal-vjaġġ)* | €549 | €449 |

* Dan il-prezz huwa validu biss għal min jieħu l-eskursjonijiet kollha.

- Il-grupp se jkun alloġġjat fil-lukanda jew fl-appartamenti li qegħdin 60 metru 'l bogħod mil-lukanda.
- Kmamar għal 4 persuni huma limitati. Kmamar Single mhumiex disponibbli.

## IL-PREZZ JINKLUDI

- Titjiriet bl-Air Malta – Malta/Linate/Malta
- Taxxi tal-ajru, fuel surcharge u service charge - € 73
- Transfers – Ajruport/Lukanda/Ajruport
- 4 ljieli akkomodazzjoni f'lukanda 3 star superjuri ġewwa Bressanone
- Buffet Breakfast kull filgħodu
- Servizz ta' Tour Leader
- Insolvency Fund

## ESKURSJONIJIET

| | Adulti | Tfal** |
|---|---|---|
| Merano/Bolzano | €45 | €35 |
| Brunico/Vipiteno | €50 | €40 |
| Innsbruck | €60 | €50 |

## MHUX INKLUŻI FIL-PREZZ

- L-eskursjonijiet
- Insurance
- Taxxa tal-lokal - €1.90 kull persuna kuljum

**** Tfal (2 sa 11-il sena sat-tluq tal-vjaġġ)***

Dan it-tour huwa suġġett għal-kundizzjonijiet ġenerali tagħna. Jekk jogħġobkom itolbu kopja ta' dawn u aqrawhom sewwa qabel ma' tibbukkjaw. Kopja tagħhom tista' titniżżel minn fuq is-sit

**www.hamiltontravel.com.mt**